

Brussell, 17 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13917/23

INST 383
POLGEN 142
AG 115

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Ottubru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 638 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2024Inwettqu lllum u nħejju għal għada

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 638 final.

Mehmuż: COM(2023) 638 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 17.10.2023
COM(2023) 638 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2024

Inwettqu illum u nħejju għal għada

1. Inwettqu llum u nħejju għal għada

“Flimkien, urejna li meta l-Ewropa tkun kuraġġuża, twettaq l-affarijiet. U l-ħidma tagħna għadha 'l bogħod milli tintemm, għalhekk ejjew ningħaqdu flimkien. Ejjew inwettqu llum u nħejju għal għada.” Il-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula von der Leyen, diskors dwar l-Istat tal-Unjoni, it-13 ta' Settembru 2023.

F'Ġunju li ġej, l-Ewropej se jieħdu sehem fl-**akbar eżerċizzju demokratiku tal-kontinent**. Fost l-aktar minn 400 miljun persuna eliġibbli biex jivvutaw għall-Parlament Ewropew il-ġdid se jkun hemm ħafna zghażaġh li qed **jeżerċitaw id-drittijiet demokratiċi tagħhom** għall-ewwel darba – inkluż, f'ħames Stati Membri, dawk ta' 16-il sena u ta' 17-il sena.

Ir-riżultati se jpoġġu lill-Ewropa fi triqitha għall-ħames snin sussegwenti u lil hinn, bl-elezzjoni ssir fi **stadju kruċjali fl-istorja tal-Ewropa**.

Qed niffaċċjaw għadd ta' **sfidi u opportunitajiet li se jiddefinixxu l-epoka**. Mill-kriżijiet klimatiċi u tal-bijodiversità għar-rivoluzzjoni diġitali u l-intelliġenza artifiċjali; mill-invażjoni brutali tal-Ukrajna mir-Russja għall-kriżijiet konsegwenti tal-prezz tal-enerġija u tal-ġholi tal-ħajja; mill-migrazzjoni għall-iżgurar tat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività.

Fil-bidu tal-mandat, din il-Kummissjoni stabbiliet **aġenda ambizzjuża għal Unjoni aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti**. Impenjajna ruħna għal azzjoni kuraġġuża biex inkunu l-ewwel kontinent newtrali għall-klima u nippreservaw l-ambjent naturali tal-Ewropa, inwittu t-triq lejn tranżizzjoni diġitali innovattiva u ċċentrata fuq il-bniedem, nagħtu spinta lill-ekonomija tagħna filwaqt li niżguraw il-ġustizzja soċjali, l-inklużjoni u l-prosperità, insaħħu t-tmexxija globali responsabbli tagħna, niproteġu liċ-ċittadini tagħna u l-valuri tagħna, u nrawmu u nsaħħu d-demokrazija tagħna.

Madankollu, id-dinja nbiddlet ħafna meta mqabbla mal-2019. Bħala Unjoni, kellna **nirreaġixxu u nadattaw għal sfidi bla preċedent**, filwaqt li nibqgħu magħqudin fir-risponsi tagħna u nirrifjutaw li nibqgħu lura milli nwettqu l-ambizzjonijiet tagħna.

Aċċellerajna t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, stabbilixxejna n-NextGenerationEU storiku, saħħaħna r-rwol tal-UE bħala mexxej globali u ppromwovejna l-valuri li jinsabu fil-qalba tas-soċjetajiet tagħna, bħad-demokrazija u l-istat tad-dritt. Permezz tal-**Istrateġija ta' Sigurtà Ekonomika** tagħna, qed infittxu li ngawdu l-benefiċċji tal-ftuħ ekonomiku, filwaqt li nimminimizzaw ir-riskji li jirriżultaw minn żieda fit-tensjonijiet ġeopolitiċi u l-aċċellerazzjoni tal-bidliet teknoloġiċi.

Issa ż-żmien qed jagħfas fuq il-ħidma tagħna biex niffinalizzaw il-proposti leġiżlattivi ewlenin li fadal ippreżentati minn din il-Kummissjoni biex niżguraw li **ċ-ċittadini u n-negozji jkunu jistgħu jieħdu vantaġġ sħiħ mill-azzjonijiet ta' politika tagħna**. Għal dan il-għan, fix-xhur li ġejjin, il-Kummissjoni se tappoġġa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-isforzi tagħhom biex jilhqqu ftehim dwar proposti leġiżlattivi pendenti.

Biex ikun hemm fokus suffiċjenti fuq dan il-kompitu, u bil-biċċa l-kbira tal-qafas leġiżlattiv neċessarju mwieġhed skont dan il-mandat diġà fis-seħħ, dan il-programm ta' ħidma fih **għadd limitat ta' inizjattivi ġodda** li jwasslu l-impjenji eżistenti jew jirrispondu għall-isfidi emerġenti.

L-ekonomija tal-UE kompliet turi r-reżiljenza minkejja l-isfidi li ffaċċjajna appoġġata mill-isforzi tagħna biex insaħħu s-sigurtà tal-enerġija tagħna, suq tax-xogħol reżiljenti u t-tnaqqis ta' restrizzjonijiet fuq il-provvista.

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-isforz tagħna li huwa fost l-aqwa fid-dinja biex nindirizzaw it-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità u l-aġenda tat-tkabbir tal-Ewropa, jibqa' parti ċentrali mill-ħidma tal-Kummissjoni. Filwaqt li l-fokus ewlieni issa huwa fuq **l-implimentazzjoni**, din is-sena xorta waħda qed nippreżentaw proposti dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport, il-prevenzjoni tat-tniġġis mill-mikroplastik, it-titjib tal-monitoraġġ tal-foresti u pakkett dwar il-mobilità. Se nsostnu wkoll l-isforzi tagħna biex inwittu t-triq lejn futur sostenibbli, aktar prosperu u ċċentrat fuq il-bniedem permezz tad-**Deċennju Diġitali**.

In-**NextGenerationEU** se jibqa' kruċjali biex jiżgura provvisti tal-enerġija sikuri, affordabbli u nodfa, il-kompetittività tal-industrija Ewropea, il-koeżjoni soċjali u territorjali u t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet zero netti, ċirkolari u pożittiva għan-natura. Il-Kummissjoni se tappoġġa lill-Istati Membri kollha biex **jaċċelleraw l-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom**, skont ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż skont is-Semestru Ewropew, inkluż il-kapitoli REPowerEU tagħhom. Kmieni s-sena d-dieħla se nippreżentaw evalwazzjoni *interim* dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Biex **nippromwovu aktar impjiegi u investimenti** fl-Ewropa se nkomplu naħdmu wkoll biex naċċelleraw l-użu tal-enerġija rinnovabbli filwaqt li nżommu l-prezzijiet tal-enerġija taħt kontroll, niżguraw provvisti ta' komoditajiet strateġiċi ewlenin bħall-materja prima kritika u l-idroġenu nadif, u nnaqqsu l-piż amministrattiv, b'mod partikolari fir-rigward tar-rapportar skont l-istrateġija tagħna biex nagħtu spinta lill-kompetittività fit-tul tal-UE.

Fl-istess ħin, jeħtieġ li nlestu **l-bini ta' qafas idoneu ta' governanza ekonomika għall-isfidi li ġejjin**. Dan ifisser l-ilħuq ta' ftehim rigward il-proposti tal-Kummissjoni dwar ir-riforma tar-regoli ta' governanza u t-tiżhij tas-sostenibbiltà tad-dejn u dwar il-promozzjoni ta' tkabbir sostenibbli u inklużiv permezz tar-riformi u l-investment.

Flimkien mal-Prezidenza Belġjana, il-Kummissjoni se tlaqqa' **Summit tas-Sħab Soċjali f'Val Duchesse** biex tiddiskuti l-isfidi li qed jiffaċċjaw is-swieq tax-xogħol, il-ħaddiema u n-negozji tagħna, inkluż minn nuqqasijiet ta' ħiliet u ħaddiema, u l-intelliġenza artifiċjali.

L-isfidi matul l-aħħar snin ssottolinjaw il-punti b'saħħithom u l-kapaċitajiet tal-Unjoni tagħna. Iżda dawn wasslu lill-baġit tal-UE sal-punt ta' eżawriment minkejja l-flessibbiltajiet intrinziċi u r-riprogrammazzjoni estensiva tiegħu. Biex niġġieldu kontra dan, ippreżentajna proposta biex **insaħħu l-baġit fit-tul tal-UE** biex ikun jista' jindirizza l-aktar ħtiġijiet imminenti, li jipprevedi żieda mmirata fl-infiq tal-UE biex napprofondixxu l-appoġġ tagħna għall-Ukrajna, niffinanzjaw l-azzjoni tagħna dwar il-migrazzjoni, insaħħu l-kapaċità tal-Unjoni biex tirrispondi għal instabbiltajiet ekonomiċi u ġeopolitiċi akbar, kriżijiet umanitarji u diżastri naturali, u nagħtu spinta lill-investimenti fit-teknoloġiji strateġiċi biex titrawwem il-kompetittività fit-tul.

Skont in-negozjati dwar il-baġit fit-tul tal-UE għall-2021-2027, ippreżentajna **proposta aġġustata għal riżorsi proprji ġodda** biex jgħinu jiffinanzjaw ir-ripagament tas-self ta' NextGenerationEU.

Il-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil jibqa' r-rispons strutturali li teħtieġ l-UE biex tindirizza l-isfidi tal-migrazzjoni fil-futur. L-adozzjoni tiegħu hija prijorità ewlenija billi jeħtieġ li tibda l-ħidma diġà s-sena d-dieħla biex titħejja l-implimentazzjoni rapida tiegħu.

Bir-reżistenza kuraġġuża tal-poplu Ukren kontra l-forzi tal-invażjoni tar-Russja tibqa' għaddejja mingħajr waqfien, **l-UE mhux se tnaqqas is-solidarjetà tagħha mal-Ukrajna**. Sa issa, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha pprovdew, f'approċċ ta' Tim Ewropa, **EUR 82 biljun f'appoġġ totali**, fost oħrajn l-għajjnuna umanitarja, tagħmir u taħriġ militari, oġġetti materjali għall-użu ċivili, fosthom ġeneraturi, xarabanks tal-iskola, prodotti mediċi u evakwazzjonijiet, il-bini mill-ġdid ta' bliet b'mod sostenibbli, inklużiv u ta' kwalità għolja, l-għajjnuna għat-tfal u r-riabilitazzjoni ta' skejjel li saritilhom ħsara, u l-appoġġ ekonomiku. Dan l-appoġġ huwa pprovdut f'koordinazzjoni mas-sħab internazzjonali tagħna fil-**Pjattaforma għall-Koordinazzjoni tad-Donaturi għall-Ukrajna** mmedija f'Jannar 2023 wara deċiżjoni tal-mexxejja tal-G7. Il-Kummissjoni tospita s-segretarjat tal-pjattaforma li jiffaċilita l-koordinazzjoni mill-qrib bejn id-donaturi internazzjonali u l-organizzazzjonijiet finanzjarji u jiżgura appoġġ koerenti, trasparenti u responsabbli.

Il-Korsiji ta' Solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna għenu lill-Ukrajna tesporta **57 miljun tunnellata ta' prodotti agrikoli u kważi 45 miljun tunnellata ta' prodotti mhux agrikoli, u timporta l-oġġetti li jeħtieġ il-pajjiż**. Permezz tal-Pjattaforma Konġunta ta' Koordinazzjoni, il-Kummissjoni se tagħmel kull sforz biex tiffaċilita t-twassil stabbli u f'waqt ta' prodotti agrikoli Ukreni fis-swieq globali.

Il-Kummissjoni tikkundanna d-deċiżjoni tar-Russja li ttejjem **l-inizjattiva tal-Baħar l-Iswed dwar iċ-ċereali** u se tkompli tappoġġa l-isforzi kollha biex jittaffew ir-riskji ta' sigurtà u sikurezza għat-tbaħħir fil-Baħar l-Iswed. Il-Kunsill adotta l-proposta tal-Kummissjoni biex **testendi l-protezzjoni temporanja** għan-nies li qed jaħarbu mill-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna sat-3 ta' Marzu 2025. Flimkien mal-inizjattivi CARE u FAST-CARE, dan se jipprovdi ċertezza u appoġġ għal aktar minn 4 miljun persuna li jgawdu protezzjoni madwar l-UE.

L-UE adottat ukoll fi żmien rekord diversi **inizjattivi ta' emerġenza** matul l-2022 biex timmitiga l-effetti tal-kriżi tal-enerġija fuq l-industrija u l-unitajiet domestiċi.

Fl-aħħar nett, biex nissottolinjaw l-impenn tal-UE li tappoġġa lill-Ukrajna sakemm ikun meħtieġ, se noħolqu **faċilità biex nipprovdu appoġġ lill-Ukrajna b'ammont sa EUR 50 biljun** fil-perjodu 2024-2027. Dan il-finanzjament se jaqdi l-ħtiġijiet immedjati tal-Ukrajna, kif ukoll jagħti spinta lill-irkupru tagħha, u jappoġġa l-modernizzazzjoni tagħha fi triqtha lejn is-šhubija mal-UE.

Flimkien mas-sħab internazzjonali tagħna, ħadna passi biex niżguraw li d-delitti tal-gwerra mwettqa fl-Ukrajna mir-Russja jiġu kkastigati u li r-Russja tagħti kumpens għad-dannu li għamlet. **Iċ-Ċentru Internazzjonali għall-Prosekuzzjoni tad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna** beda l-operazzjonijiet tiegħu f'The Hague u se jkun kruċjali għall-investigazzjoni ta' dawn l-atti orribbli u l-faċilitazzjoni tal-bini ta' każijiet għal proċessi futuri. Se nagħmlu minn kollox biex dawk responsabbli jagħtu kont ta' għemilhom. U qed inkomplu naħdmu fuq l-użu possibbli ta' rikavati mill-assijiet Russi ssekwestrati għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna.

L-Unjoni għandha **tħejji għat-tekabbir b'suċċess tagħha** sabiex trawwem il-paċi u l-istabbiltà fit-tul fl-Ewropa. Se naħdmu mill-qrib mas-sħab tagħna hekk kif iħejju għal dan il-pass

importanti, fost oħrajn bil-ftuħ tar-Rapporti tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt għal dawk il-pajjiżi ta' adeżjoni li jħaffu l-pass f'dan il-qasam.

L-UE teħtieġ ukoll li tkun lesta. Il-Kummissjoni se tippreżenta **Komunikazzjoni dwar ir-riformi ta' qabel it-ktabbir u r-rieżamijiet tal-politika** biex tara kif kull politika tiġi affettwata minn Unjoni akbar u kif se jaħdmu l-istituzzjonijiet Ewropej.

Se nkomplu **nimpenjaw ruħna ma' pajjiżi u reġjuni** madwar id-dinja, b'mod partikolari fl-Afrika, biex nindirizzaw l-isfidi globali u nsaħħu l-governanza multilaterali u l-kooperazzjoni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli.

Fl-azzjonijiet kollha tagħna nibqgħu impenjati għall-**Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli**, u l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tagħha se jibqgħu fil-qalba tal-politiki tagħna¹ u tal-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar².

2. Regolamentazzjoni aħjar, implimentazzjoni u infurzar tad-dritt tal-UE

2.1. Regolamentazzjoni aħjar, tnaqqis tal-piż u razzjonalizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar

It-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi huwa kruċjali biex **tinżamm il-kompetittività tan-negozji Ewropej**. Għal din ir-raġuni l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kompetittività fit-tul³ stabbiliet mira li **jitnaqqsu l-piżijiet assoċjati mar-rekwiżiti ta' rapportar b'25 %**, mingħajr ma jiġu mminati l-oġettivi ta' politika. Dan se jirrazzjonalizza u jissimplifika tali rekwiżiti, li għandhom impatt sproporzjonat fuq in-negozji, inklużi l-SMEs u l-mikrokumpaniji, u l-amministrazzjonijiet, u jiżgura li jissodisfaw l-għan maħsub tagħhom.

Biex tintlaħaq din il-mira, il-Kummissjoni adottat leġiżlazzjoni inkluż biex tirriforma l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, li se toħloq interfaċċa unika tal-UE u tiffaċilita l-użu mill-ġdid tad-*data*. Flimkien, dawn il-miżuri se jwasslu għal madwar **EUR 2 biljun f'iffrankar tal-ispejjeż**. Barra minn hekk, ir-reviżjoni proposta tar-Regolament dwar l-istatistika Ewropea, li tnaqqas l-għadd ta' sħarriġiet u żżid l-użu ta' proċessi awtomatizzati u simplifikati, se twassal għal iffrankar tal-ispejjeż – inkluż għall-SMEs – ta' madwar **EUR 450 miljun**. Permezz ta' dan il-programm ta' ħidma, il-Kummissjoni qed tippreżenta **proposti addizzjonali ta' razzjonalizzazzjoni**⁴ biex tnaqqas il-piż amministrattiv mingħajr ma tnaqqas l-istandards soċjali, tas-sikurezza, tal-protezzjoni tal-konsumatur, ambjentali jew ekonomiċi. Dawn se **jissimplifikaw ir-rekwiżiti ta' rapportar li huma ta' użu limitat**, pereżempju billi jikkonsolidaw l-obbligi li jikkoinċidu, inaqqsu l-għadd ta' negozji kkonċernati u jżidu d-diġitalizzazzjoni.

Biex il-partijiet ikkonċernati jkollhom biżżejjed żmien biex jadattaw għal rekwiżiti ġodda, se nipposponu l-iskadenza għal adozzjoni tal-**istandards speċifiċi għas-settur Ewropej tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà**. Il-Kummissjoni se **taġġusta l-limiti tad-Direttiva dwar il-**

¹ [Rieżami Volontarju tal-UE](#) dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli.

² L-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli u l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" ġew integrati fis-sett ta' għodod għal Regolamentazzjoni Aħjar u fl-iżvilupp ta' politika tal-Kummissjoni biex jiġi żgurat li l-proposti leġiżlattivi kollha jikkontribwixxu għall-aġenda 2030 għall-iżvilupp sostenibbli.

³ COM(2023) 168.

⁴ Għal ħarsa ġenerali dettaljata tal-inizjattivi li tiegħu mis-16 ta' Marzu 2023, li tmexxew 'il quddiem permezz ta' dan il-programm ta' ħidma jew għal adozzjoni warajh, ara l-Anness II.

kontabilità sabiex aktar minn miljun kumpanija huma mistennija jibbenefikaw mit-tnaqqis tar-
rekwiżiti ta' rapportar, u tirrevedi r-**Regolament dwar il-parametri referenzjarji**, inkluż biex
teżenta lill-amministraturi ta' parametri referenzjarji iżgħar, li jammontaw għal 90 % tal-
popolazzjoni, filwaqt li tibqa' tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi u tal-
investituri. Il-Kummissjoni tippromwvoni wkoll li tiffaċilita l-kondiviżjoni tad-*data* bejn l-
awtoritajiet li jissorveljaw is-settur finanzjarju u tevita r-rapportar duplikata. Il-Kummissjoni
qed tippromwvoni l-ftehim f'waqtu u l-implimentazzjoni mifruxa ta' forma komuni ta' format
elettroniku għad-**dikjarazzjonijiet ta' ħaddiem stazzjonat**. Ikkomplementata mill-ħidma
biex tagħmel disponibbli portal multilingwu, il-Kummissjoni għandha l-għan li tippermetti lill-
kumpaniji jippreżentaw b'mod diġitali d-dikjarazzjonijiet tal-istazzjonament bil-lingwa
tagħhom, għall-Istati Membri kollha li jiddeċiedu li jużaw din l-għodda.

Skont it-**tieni avviż dwar ir-rapportar tat-tassonomija**, li jiggwida l-interpretazzjoni tad-
divulgazzjonijiet rigward it-tassonomija, se niċċaraw li mhija meħtieġa l-ebda valutazzjoni
mill-impriżi għal attivitajiet li mhumiex materjali għan-negozju tagħhom u li ma jkollhomx
evidenza jew *data* biex jagħtu prova tal-konformità mal-iskrinjar tekniku tat-Tassonomija tal-
UE. It-tneħħija ta' ċerti obbligi ta' divulgazzjoni relatati ma' każijiet ta' soluzzjoni alternattiva
ta' tilwim u s-sostituzzjoni tal-pjattaforma għas-soluzzjoni online ta' tilwim se twassal għal
benefiċċji ġenerali għan-negozji ta' madwar **EUR 630 miljun** fis-sena.

Il-proposti se jkopru wkoll l-istandards ta' kummerċjalizzazzjoni għall-prodotti tas-sajd, is-
saħħa tal-pjanti, it-trasport, l-agrikoltura u l-monitoraġġ tal-infrastruttura spazjali. Il-
Kummissjoni se taħdem mal-**koleġiżlaturi biex tippreserva s-simplifikazzjoni tar-
rekwiżiti ta' rapportar**, sakemm l-objettivi u l-iskop tal-leġiżlazzjoni ma jitpoġġewx f'riskju.
Pereżempju, għad-**Direttiva proposta dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà
korporattiva**, il-Kummissjoni se tappoġġa l-applikazzjoni proporzjonata tar-
rekwiżiti, b'mod partikolari f'oqsma bħar-rwol ta' gruppi, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-
effiċjenza u tiġi evitata l-piż bla bżonn.

Għar-**Regolament dwar il-portal tal-emissjonijiet industrijali**, il-Kummissjoni hija
impenjata biex taċċellera d-diġitalizzazzjoni u tissimplifika aktar ir-
rekwiżiti ta' rapportar. Permezz tar-reviżjoni tal-**koordinazzjoni tal-qafas
tas-sigurtà soċjali**, il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa lill-koleġiżlaturi
jsibu soluzzjonijiet effettivi u fattibbli li jipproteġu lill-ħaddiema u
jiffaċilitaw attivitajiet transfruntiera fis-suq intern. Barra minn hekk, il-
programm Ewropa diġitali huwa disponibbli biex jiffinanzja inizjattivi mill-
Istati Membri biex jipprovdu mezzi tekniċi sempliċi ta' rapportar, bħal
punt ta' dħul uniku għar-rapportar ta' inċidenti ċibernetiċi fil-qafas
tad-Direttiva dwar miżuri għal livell komuni għoli ta' **ċibersigurtà**
madwar l-Unjoni (id-Direttiva NIS2).

Is-simplifikazzjoni tar-**rekwiżiti ta' rapportar** hija **sforz fit-tul li se jirrikjedi fokus
għall-futur prevedibbli**. L-istabbiliment ta' **xenarju bażi** ta' rekwiżiti ta' rapportar,
filwaqt li huwa kumpless minħabba l-firxa tal-leġiżlazzjoni tal-UE u l-
interazzjoni tagħha mal-liġijiet nazzjonali u reġjonali, se jkun kruċjali
biex jitkejjel il-progress. Il-partijiet ikkonċernati jistgħu jgħinu
biex jiffassal fehim aħjar ta' kif jaffettwahom ix-xenarju tar-
rekwiżiti ta' rapportar. Għal

din ir-raġuni, nedejna sejħa għal evidenza⁵ biex niġbru feedback dwar rekwiżiti ta' rapportar li jkunu ta' piż. Se jitwettqu aktar konsultazzjonijiet mal-kumpaniji, inkluż man-network ta' rappreżentanti tal-SMEs, mal-esperti tal-Istati Membri u ma' partijiet ikkonċernati oħra, biex jiġu identifikati kwistjonijiet u oqsma partikolarment problematiċi li għandhom jiġu prijoritizzati. Il-Kummissjoni se taħtar ukoll **rappreżentant tal-SMEs tal-UE** li se jipparteċipa fis-seduti tal-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju dwar inizjattivi li għandhom impatt kbir fuq l-SMEs. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tindirizza r-rekwiżiti ta' rapportar li jkunu ta' piż li d-Direttorati Ġenerali tagħha jkunu identifikaw fi **pjanijiet ta' razzjonalizzazzjoni** mmirati għall-2024 u lil hinn. Aħna se nirrapportaw dwar il-progress li sar lejn il-mira ta' 25 % fl-istħarriġiet tal-piż annwali, li jibda bl-edizzjoni tal-2023, li għandhom jiġu ppubblikati s-sena d-dieħla.

Il-Kummissjoni se tqiegħed l-iżvilupp ta' **għodod tal-intelliġenza artifiċjali u mudelli lingwistiċi kbar** fil-qalba ta' dan l-eżerċizzju. Dan se jgħin biex jiġu identifikati rekwiżiti ta' rapportar fil-leġislazzjoni tal-UE, fuq il-bażi ta' mezzi standardizzati, u appoġġ fl-analiżi tal-effett tagħhom f'ċertu settur. Se taħdem ukoll fuq l-espansjoni tal-użu ta' **pjattaformi elettroniki** għall-għbir u l-kondiviżjoni tad-*data*, bħall-Gateway Diġitali Unika, il-pjattaforma elettronika stabbilita skont ir-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika u l-Pjattaforma għall-Finanzi Diġitali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se twettaq **evalwazzjonijiet u kontrolli tal-idoneità** biex tivvaluta kif il-leġislazzjoni tista' tiġi ssimplifikata u ssir inqas ta' piż, b'enfasi fuq l-identifikazzjoni ta' aktar opportunitajiet għar-razzjonalizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar⁶. L-evalwazzjonijiet ta' programmi u fondi tal-qafas finanzjarju pluriennali, mistennija fl-2024, joffru opportunità oħra biex jiġi vvalutat kif jitnaqqsu l-piżijiet marbuta mal-programmi finanzjarji tal-UE.

Ir-razzjonalizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar tikkomplementa l-għodod tal-Kummissjoni għat-tnaqqis tal-piżijiet. Skont il-**programm dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni** (regulatory fitness and performance programme, **REFIT**) tal-Kummissjoni, l-evalwazzjonijiet u r-reviżjonijiet kollha jfittxu opportunitajiet biex jitnaqqas il-piż, u għall-proposti sinifikanti kollha, jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt biex jiġi żgurat li l-benefiċċji jisbqu l-ispejjeż. Pereżempju, l-istabbiliment ta' sistema ta' Tassazzjoni tal-Uffiċċju Prinċipali se jissimplifika r-regoli u jnaqqas l-ispejjeż ta' konformità mar-regoli tat-taxxa għall-SMEs li jespandu l-operazzjonijiet tagħhom minn naħa għal oħra tal-fruntieri. Il-proposta dwar l-intrapriża fl-Ewropa: qafas għat-tassazzjoni tal-introjtu (Business in Europe: Framework for Income Taxation, **BEFIT**) tista' tnaqqas l-ispejjeż ta' konformità mar-regoli tat-taxxa għan-negozji li joperaw fl-UE sa 65 %.

Barra minn hekk, minn Jannar 2022, permezz tal-approċċ tagħha ta' **“one in, one out”**, il-Kummissjoni ppreżentat proposti li għandhom jipprovdu **EUR 7,3 biljun aktar iffrankar amministrattiv milli spejjeż**⁷. Il-**Pjattaforma Fit for Future** tagħti parir ukoll lill-Kummissjoni dwar kif tnaqqas il-piżijiet fid-dritt tal-UE.

⁵ https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13990-Administrative-burden-rationalisation-of-reporting-requirements_mt

⁶ Ara l-Anness II għal ħarsa ġenerali dettaljata tal-inizjattivi u l-proposti.

⁷ L-Istħarriġ tal-Piż Annwali tal-2022; https://commission.europa.eu/publications/2022-annual-burden-survey_mt

2.2. Implimentazzjoni u infurzar tad-dritt tal-UE

Biex persuni u negozji fl-UE jgawdu l-benefiċċji sħaħ tar-regoli miftehna b'mod komuni tagħna, id-dritt tal-UE trid tiġi implimentata u applikata b'mod sħiħ, korrett u f'waqtu madwar l-Unjoni. Għal din ir-raġuni, **l-infurzar tad-dritt tal-UE huwa prijorità għal din il-Kummissjoni**. F'dan l-istadju fil-mandat, se niżguraw li tingħata saħansitra aktar attenzjoni lill-kompiti ta' implimentazzjoni u ta' infurzar, biex niżguraw li r-regoli miftehna jagħtu riżultati għall-persuni u n-negozji. L-indirizzar tal-isfidi ta' implimentazzjoni meta qed jiġu żviluppati l-proposti u l-ġoti ta' gwida lill-Istati Membri huma modi kif jiġu evitati problemi fi stadju bikri. Biex inwasslu liġijiet tal-UE aktar effiċjenti, b'hekk se naħdmu flimkien **mal-Istati Membri** biex nevitaw li npoġġu piżijiet bla bżonn fuq in-negozji u ċ-ċittadini meta jittrasponu d-direttivi tal-UE fil-liġi nazzjonali. Meta jseħħ ksur, il-Kummissjoni se tkompli timpenja ruħha mal-Istati Membri biex tirrimedja l-problemi malajr u **taġixxi b'mod deċiżiv dwar ksur** li jostakola l-implimentazzjoni ta' objettivi importanti ta' politika tal-UE, jew li jirriskja li jimmina l-valuri u l-libertajiet fundamentali tal-UE.

Biex tiżgura li jibqgħu effettivi l-ġhodod ta' infurzar għad-dispożizzjoni tagħha, il-Kummissjoni wettqet **eżerċizzju ta' rendikont** mal-Istati Membri fl-2022. Issa qed nimplimentaw is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu biex intejbu l-mod kif il-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw l-infurzar tad-dritt tal-UE. Se naħdmu mill-qrib mal-Istati Membri biex niffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni ġdida permezz ta' aktar appoġġ fil-livell nazzjonali, speċjalment f'oqsma li fihom jista' jkun meħtieġ li tiġi żgurata t-traspożizzjoni korretta u f'waqtha tad-direttivi, u permezz ta' monitoraġġ aktar sistematiku tal-implimentazzjoni ta' regolamenti. Se nkomplu nsaħħu wkoll it-trasparenza tal-azzjonijiet ta' infurzar tal-Kummissjoni, permezz ta' aktar informazzjoni u *data* ppubblikati b'mod aktar faċli għall-utent. Dan se jgħin lill-membri tal-pubbliku jinvolve ruħhom ma' dan il-proċess u jippromwovi konformità aktar rapida mill-Istati Membri, billi jenfasizza kisbiet pożittivi u jagħti kreditu lill-aħjar prattiki, filwaqt li fl-istess ħin joħloq pressjoni mill-pari dwar ksur mhux solvut tad-dritt tal-UE.

3. Niksba s-sitt ambizzjonijiet ewlenin

Kif imsemmi fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni, il-Kummissjoni wettqet aktar minn 90 % tal-impenji li saru fil-Linji Gwida Politiċi tal-2019 tal-President von der Leyen. Fl-2024, huwa meħtieġ sforz dedikat mill-koleġislaturi biex jinstab ftehim dwar proposti pendenti li jwasslu benefiċċji għaċ-ċittadini u n-negozji tal-Ewropa.

3.1. Patt Ekoloġiku Ewropew

Mibdija minħabba l-urġenza li nieħdu azzjoni biex nipproteġu u nippreservaw il-pjaneta tagħna, il-Patt Ekoloġiku Ewropew huwa l-aġenda tagħna għat-tkabbir, li tagħti prova lid-dinja li l-modernizzazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni jistgħu jimxu id f'id. L-UE għandha l-aktar pjan ta' trasformazzjoni ekoloġika ambizzjuż, bil-miri li jintlaħqu **n-newtralità klimatika, l-ekonomija ċirkolari u ekonomija b'emissjonijiet zero netti sal-2050, kif ukoll il-prevenzjoni tad-degradazzjoni ambjentali, il-preservazzjoni tal-bijodiversità u l-ħolqien ta' ambjent ta' tniġġis zero**. Fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukraina, il-Kummissjoni aġixxiet malajr biex tiżgura s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija filwaqt li saħħet l-impenn tal-Unjoni għall-Patt Ekoloġiku Ewropew u żiedet il-bażi industrijali tagħna fis-setturi tat-teknoloġija nadifa. Ġew proposti bidliet strutturali fundamentali għas-swieq tal-

elettriku u tal-gass, kif ukoll inizzjattivi ġodda biex jixprunaw il-ħolqien ta' swieq tal-idroġenu ekoloġiku.

Se nkomplu bl-isforzi tagħna biex niżguraw li t-tranżizzjoni ekoloġika ssir b'mod ġust, intelliġenti u inklużiv, filwaqt li ħadd u mkien ma jitħalla jibqa' lura, filwaqt li wkoll nimpjenjaw ruħna b'mod attiv mal-pajjiżi terzi sħab tagħna inkluż biex isaħħu t-tkabbir ekoloġiku. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se tibda sensiela ta' djalogi ekoloġiċi sabiex tinvolvi ruħha b'mod sħiħ u dirett maċ-**ċittadini**, kif ukoll **djalogi dwar it-tranżizzjoni nadifa mal-industrija u s-sħab soċjali**. B'mod parallel, il-Kummissjoni qed tkompli bil-ħidma preparatorja tagħha għall-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali għall-Klima futur, li flimkien mal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, se jappoġġa liċ-**ċittadini**, in-negozji u r-reġjuni vulnerabbli fit-tranżizzjoni. Il-Kummissjoni se tniedi **djalogu strateġiku dwar il-futur tal-agrikoltura fl-UE**, tinvolvi ruħha aktar mal-bdiewa, il-partijiet ikkonċernati fil-katina alimentari u ċ-**ċittadini**, filwaqt li taħdem flimkien fuq it-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli.

Fid-dawl ta' theddid globali ġdid, il-Kummissjoni stabbiliet pjanijiet biex **tissalvagwardja s-sigurtà tal-ikel u ssaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel** fuq terminu qasir u dak medju. Permezz tal-istrateġija tagħha mill-għalqa sal-platt, wettqet il-viżjoni li tagħmel is-sistema tal-ikel tal-UE ġusta, f'saħħitha u favur l-ambjent. L-istrateġija kienet tinkludi wkoll azzjoni biex jinkisbu sajd u akkwakultura sostenibbli u reżiljenti. B'mod parallel, il-Kummissjoni adottat aktar miżuri biex tibni **l-ekonomija ċirkolari**, ippreżentat inizzjattivi ewlenin dwar **il-protezzjoni tal-bijodiversità u r-restawr tal-ekosistemi li saritilhom ħsara** u ppreżentat proposti ewlenin skont il-pjan ta' azzjoni ta' **tniġġis żero**. L-UE ħadmet ukoll fuq it-tisħiħ tar-reżiljenza għad-diżastri tagħha, inkluż billi tirdoppja l-flotta tat-tifi tan-nar mill-ajru rescEU u tagħti spinta lill-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili tagħna.

Twasslu l-maġġoranza tal-inizzjattivi li jinsabu fil-Kommunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew tal-2019, u ħafna diġà hemm qbil dwarhom biex isiru liġi. **Huwa importanti biex jintlaħaq ftehim malajr dwar il-proposti li fadal** sabiex l-Unjoni tinżamm bis-sħiħ fit-triq lejn in-newtralità klimatika. Dan jinkludi l-proposti dwar l-assorbimenti tal-karbonju, it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija, l-emissjonijiet industrijali, ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, l-istandards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ għal vetturi heavy-duty ġodda, l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni, ir-reviżjoni tar-regoli dwar iċ-**ċirkolarità** tal-vetturi, ir-reviżjoni tar-Regolament TEN-T u l-ekoloġizzazzjoni tat-trasport tal-merkanzija, kif ukoll id-disinn tas-suq tal-elettriku, il-gassijiet u l-idroġenu rinnovabbli u naturali. Biex irawmu **l-biedja sostenibbli u s-sigurtà tal-ikel**, għandu wkoll ikun hemm ftehim rigward il-proposti dwar il-pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-użu sostenibbli ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Biex noqorbu lejn **ekonomija ċirkolari reali** neħtieġu ftehim malajr dwar ir-rekwiżiti ta' ekodisinn għall-prodotti sostenibbli, l-iskart u l-imballaġġ, il-vjeġġ ta' skart, u t-tiswija ta' oġġetti. Biex **nimxu 'l quddiem lejn tniġġis żero u niproteġu u nirrestawraw in-natura tagħna**, jeħtieġ li ndaħħlu fil-liġi l-proposti dwar ir-restawr tan-natura, il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi kimiċi, il-kwalità tal-arja, it-trattament tal-ilma mormi urban, u l-ilma tal-wieċ u ta' taħt l-art.

Il-Kummissjoni se tniedi l-proċess biex tistabbilixxi **mira klimatika għall-2040**, biex iżżomm lill-UE fit-triq lejn in-newtralità klimatika sal-2050. Se tippreżenta **l-pakkett Ewropew dwar l-enerġija mir-riħ** biex taċċellera l-użu tat-turbini eoliċi, ittejjeb l-aċċess għall-finanzjament u

tappoġġa l-kompetittività internazzjonali tal-industrija Ewropea. Se nippreżentaw inizjattiva dwar **l-immaniġġar industrijali tal-karbonju** li tistabbilixxi strateġija għall-qbid tal-karbonju ambjentalment sostenibbli, l-użu u l-ħżin tal-karbonju fl-UE, filwaqt li nqisu l-importanza tagħha biex nilħqu n-newtralità karbonika. Se nadottaw inizjattiva dwar **ir-reżiljenza tal-ilma** biex niżguraw l-aċċess għall-ilma għaċ-ċittadini, in-natura u l-ekonomija, filwaqt li nindirizzaw ukoll l-għargħar katastrofiku u l-iskarsezzi tal-ilma, kif ukoll inizjattiva biex nidentifikaw u nivverifikaw kif l-aħjar nimmaniġġaw ir-riskji klimatiċi fl-oqsma kollha ta' politika tal-UE.

3.2. Ewropa idonea għall-era diġitali

Billi jagħmlu s-snin 20 id-Deċennju Diġitali b'miri diġitali ċari, l-UE u l-Istati Membri tagħha wittew it-triq biex itejbu l-ħiliet diġitali, jiddiġitalizzaw l-amministrazzjoni u n-negozji, jagħtu spinta lir-riċerka u l-innovazzjoni, inaqqsu d-distakk diġitali u jaġġornaw l-infrastruttura diġitali tagħna. Fl-istess ħin, l-UE qed twitti t-triq fil-ġestjoni tar-riskji tal-futur diġitali tagħna. Permezz tal-**att dwar is-swieq diġitali** u l-**att dwar is-servizzi diġitali**, stabbilixxejna pedamenti b'saħħithom biex is-suq uniku tagħna jsir ġust, kompetittiv, favur il-konsumatur u sikur fil-qasam diġitali, speċjalment għat-tfal.

Għalkemm ksibna ħafna, għadhom meħtieġa l-isforzi biex nilħqu ftehim dwar inizjattivi ewlenin pendenti li se jkomplu jmessu 'l quddiem l-aġenda diġitali u jsaħħu r-reżiljenza tal-Ewropa. L-**att dwar il-materja prima kritika** se jippermetti lill-Ewropa żżid il-provvisti domestiċi, inkluż billi tagħti spinta lill-kapaċitajiet ta' raffinar u ta' reċiklaġġ, tiddiversifika l-importazzjonijiet ta' dawn il-materjali kruċjali, u tinċentiva l-industrija tagħna biex timmaniġġa aħjar ir-riskji tal-provvista, filwaqt li tibqa' kompetittiva. Id-dispożizzjonijiet se jibnu fuq il-punti b'saħħithom tas-suq uniku biex jagħtu spinta lil prattiki aktar sostenibbli u ċirkolari u se jippermettu wkoll ix-xiri konġunt tal-materja prima permezz ta' pjattaforma dedikata. Ħafna mis-sħab tagħna madwar id-dinja jridu jaħdmu flimkien u jiżviluppaw industriji lokali għall-ipproċessar u r-raffinar biex isaħħu l-ktajjen ta' provvista globali tal-materja prima. Għal din ir-raġuni, l-ewwel laqgħa tal-**Klabb il-ġdid dwar il-Materja Prima Kritika** se titlaqqa' aktar tard din is-sena. Se nadottaw ukoll **pjan dwar il-materjali avvanzati għat-tmexxija industrijali** li, flimkien mal-Istati Membri, għandu l-għan li jaċċellera l-iżvilupp ta' materjali sikuri, sostenibbli u ċirkolari u l-użu industrijali tagħhom għall-benefiċċju tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali.

L-**att dwar l-industrija b'emissjonijiet żero netti** se jappoġġa lill-industrija tal-Ewropa fl-iżvilupp u l-użu tat-teknoloġiji innovattivi u strateġiċi meħtieġa f'ekonomija b'emissjonijiet żero netti, bħal turbini tar-riħ, pompi tas-sħana, pannelli solari, elettrolizzaturi, teknoloġiji nukleari, kif ukoll il-ħżin tas-CO₂. Id-domanda qed tikber, kemm fl-Ewropa kif ukoll globalment, u qed naġixxu issa biex niżguraw li l-provvisti Ewropej ikunu jistgħu jissodisfaw aktar minn din id-domanda.

Jeħtieġ li nagħmlu progress fl-**istrument ta' emerġenza tas-suq uniku**, ngħinu fil-preservazzjoni tal-moviment liberu ta' oġġetti, servizzi u persuni u d-disponibbiltà ta' oġġetti u servizzi vitali f'każ ta' tfixkil mhux previst fil-futur.

Il-**pakkett ta' għajjnuna għall-SMEs, bir-reviżjoni tiegħu tad-Direttiva dwar il-ħlas tard** u s-simplifikazzjoni tat-taxxa li tistabbilixxi **istema tat-taxxa tal-uffiċċju prinċipali**, huwa

mfassal biex jappoġġa aktar lin-negozji żgħar u ta' daqs medju tal-Ewropa, li huma s-sinsla tal-ekonomija tagħna.

Il-proposti pendenti dwar **l-intelliġenza artifiċjali (IA)** huma kruċjali għall-applikazzjoni sikura u ta' benefiċċju ta' teknoloġija li ilha tevolvi b'ritmu tremend f'dawn l-aħħar snin. It-tieqa ta' opportunità qed tidjieg biex niggwidaw din it-teknoloġija b'mod responsabbli.

Flimkien ma' sforzi miftehma mas-sħab internazzjonali tagħna biex insaħħu l-governanza globali tal-IA, **il-kompjuters ta' prestazzjoni għolja tagħna se jkunu disponibbli għan-negozji ġodda tal-IA** biex niffaċilitaw l-innovazzjoni Ewropea. Il-programmi satellitari tal-Ewropa Copernicus, EGNOS u Galileo diġà jgħibu magħhom għadd kbir ta' benefiċċji għall-ekonomija u s-soċjetajiet tagħna u jaqdu rwol ċentrali fil-fehim tat-tibdil fil-klima, it-tnejn għalih u l-ġlieda kontrib. Barra minn hekk, IRIS² se tistabbilixxi infrastruttura kritika għall-konnettività sikura, b'applikazzjonijiet tad-difiża importanti.

Investimenti kbar f'networks diġitali huma meħtieġa biex nilħqu l-miri tagħna tad-Deċennju Diġitali għall-2030. Wara l-konsultazzjoni esploratorja reċenti, se nwitzu t-triq għal azzjonijiet regolatorji u ta' politika possibbli rigward **Networks u infrastruttura diġitali**, b'mod partikolari biex niffaċilitaw operaturi transfruntieri tal-infrastruttura fis-Suq Uniku, naċċelleraw l-użu ta' teknoloġiji u nattiraw aktar kapital fin-networks.

L-industrija spazjali qed issir aktar importanti għall-osservazzjoni tad-dinja u għall-prodotti u s-servizzi konnessi moderni, kif ukoll għad-difiża u s-sigurtà. **L-istrateġija spazjali għas-sigurtà u d-difiża**⁸ tal-2023 għandha l-għan li ttejjeb ir-reżiljenza tal-infrastruttura spazjali u l-kapaċitajiet spazjali tal-UE b'appoġġ għas-sigurtà u d-difiża, u tippromwovi sħubijiet għal imġiba responsabbli fl-ispazju ekstratmosferiku. Fl-2024, se nipproponu **liġi spazjali Ewropea** li tistabbilixxi sett ta' regoli, pereżempju għall-immaniġġar tat-traffiku spazjali, iżda wkoll dwar kif se nżommu sikura l-infrastruttura spazjali kritika tagħna. Se tkun ikkumplementata minn **strateġija dwar l-ekonomija tad-data spazjali** biex jiżdied l-użu tad-*data* spazjali fis-setturi ekonomiċi kollha.

3.3. Ekonomija għas-servizz tan-nies

L-ekonomija tal-UE wriet ir-reżiljenza fid-dawl ta' firxa bla preċedent ta' kriżijiet. Laħħqet mal-impatti soċjoekonomiċi kemm tal-pandemija globali tal-COVID-19 kif ukoll tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Madankollu, qed tiffaċċja sfidi għall-kompetittività tagħha, li se jkunu s-suġġett tar-rapport li jmiss minn Mario Draghi. Billi ppreżentajna riformi biex niżguraw il-prosperità ekonomika u l-kompetittività fit-tul tal-UE filwaqt li niżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, **saħħaħna l-ekonomija soċjali tas-suq unika tal-UE**.

Huwa importanti li jintlaħaq qbil dwar proposti pendenti biex nappfondixxu s-suq uniku tagħna, il-pedament tal-kompetittività sostenibbli tal-UE. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li navvanzaw aktar **l-Unjoni tas-Swieq Kapitali** billi niftiehmur rigward il-proposti dwar l-insolvenza, l-ikklejar, is-simplifikazzjoni tal-aċċess tal-kumpaniji għas-swieq kapitali pubbliċi u ż-żieda tal-kapaċità ta' investment fit-tul tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni, kif ukoll nieħdu passi ulterjuri lejn **Unjoni Bankarja** mat-tlestija tar-rieżami tal-immaniġġar ta' kriżijiet u l-assigurazzjoni ta' depożitu. Barra minn hekk, jeħtieġ li naqblu dwar ir-regoli l-ġodda dwar

⁸ JOIN(2023) 9

proċeduri tat-taxxa f'ras il-ġhajn, il-proposta biex jiġi evitat l-użu ħażin ta' entitajiet fittizji għal finijiet ta' taxxa u sensiela ta' miżuri biex tiġi mmodernizzata s-sistema tat-Taxxa fuq il-Valur (Value-Added Tax, VAT) u nagħmluha aktar reżiljenti għall-frodi billi titħaddan id-diġitalizzazzjoni.

Barra minn hekk, jeħtieġ li nimxu 'l quddiem fil-**proposta biex ittejjeb it-tassazzjoni tal-intrapriżi (BEFIT** u l-prezzar ta' trasferiment) u r-**riforma komprensiva tal-Unjoni Doganali tal-UE**. Fil-qasam tal-finanzi diġitali, jeħtieġ li nimxu 'l quddiem dwar il-proposti għat-titjib tar-regoli għas-servizzi ta' pagamenti u l-introduzzjoni ta' qafas dwar l-aċċess għad-*data* finanzjarja (“finanzi miftuħa”), u navvanzaw in-negozjati dwar il-proposta li tistabbilixxi l-qafas legali għal euro diġitali.

Sar progress sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-**Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali** permezz tal-pjan ta' azzjoni tiegħu u l-miri ewlenin għall-2030. Ġew ippreżentati r-regoli biex jittejjbu l-kundizzjonijiet fix-xogħol fuq il-pjattaformi u qafas għal pagi minimi adegwati, filwaqt li s-Sena Ewropea tal-Ħiliet stimulat firxa wiesgħa ta' attivitajiet biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi fil-ħiliet urġenti li jaffettwaw diversi setturi, bħall-Akkademja għall-Ħiliet Ċibernetiċi, u ġie stabbilit il-Patt għall-Ħiliet. L-aċċess taż-żgħażaġh għas-suq tax-xogħol ġie ffaċilitat permezz ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa u l-inizjattiva li jmiss biex taġġorna l-qafas tal-kwalità għal traineeships. Il-Garanzija Ewropea għat-Tfal tgħin biex tipprevjeni l-esklużjoni soċjali billi tiggarrantixxi lit-tfal aċċess effettiv għal sett ta' servizzi ewlenin, inklużi edukazzjoni mingħajr ħlas, kura tas-saħħa mingħajr ħlas, nutrizzjoni tajba għas-saħħa u akkomodazzjoni adegwata. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa lill-koleġiżlaturi biex jilħqu ftehim dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali.

Bi tweġiba għal rapport leġislattiv fuq inizjattiva proprja mill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni se tippreżenta inizjattiva dwar il-**kunsilli Ewropej tax-xogħlijiet fl-2024**.

B'segwitu tas-Summit ta' Val Duchesse, se naħdmu man-negozji u t-trade unions biex **nagħmlu s-suq tax-xogħol tagħna aktar reżistenti għall-futur** fid-dawl ta' bidliet profondi fit-teknoloġija, is-soċjetà u d-demografija. Se nibnu fuq is-sett ta' għodod demografiku biex nġinu nattivaw it-total tal-kapital uman tagħna.

Inizjattiva li jmiss se tgħin biex jinkisbu l-benefiċċji sħaħ **tal-bijoteknoloġiji u l-bijomanifatturazzjoni, elementi ewlenin għall-kompetittività** u l-modernizzazzjoni tal-industrija tal-UE minħabba l-potenzjal għoli ta' tkabbir u l-produttività tax-xogħol tagħhom.

Il-Kummissjoni se tippubblika wkoll id-disa' rapport ta' koeżjoni tagħha li jiddiskrivi l-istat ta' koeżjoni soċjali, ekonomiku u territorjali fl-UE, filwaqt li tqis l-azzjonijiet li ttieħdu f'dawn l-aħħar snin.

3.4. Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja

Fix-xena globali, inkomplu naraw **tensjonijiet u taqlib ġeopolitiku li qed jikbru**. L-attakki terroristiċi indiskriminati u brutali kontra l-Iżrael u l-poplu tiegħu minn Hamas hedded direttament il-paċi u s-sigurtà fir-reġjun u jissottolinjaw il-ħtieġa għal sforzi mġedda biex tingħata haġja mill-ġdid il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani. Ir-Russja, permezz tal-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u l-azzjonijiet tagħha fil-fora internazzjonali, tkompli tkun ta' sfida għall-pedamenti tal-multilateraliżmu u l-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli.

L-appoġġ militari tal-UE lill-Ukrajna fetaħ lakuni kritiċi fil-ħażniet tad-difiża tal-Istati Membri. B'rispons għal dan, **appoġġajna lill-Istati Membri fit-tisħiħ tal-industrija Ewropea tad-difiża** permezz ta' strument għall-akkwist konġunt (European Defence Industry Reinforcement through common Procurement Act, EDIRPA)⁹ u Task Force ta' Akkwist Konġunt għad-Difiża. Barra minn hekk, żidna l-kapaċità ta' produzzjoni tal-munizzjon permezz tal-**att b'appoġġ għall-produzzjoni tal-munizzjon** (Act in Support of Ammunition Production, ASAP)¹⁰. It-tielet **Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO**¹¹ espandiet il-kooperazzjoni tagħna għal oqsma kritiċi għas-sigurtà – ir-reżiljenza, teknoloġiji emerġenti u fixkiela, id-difiża u l-ispazju.

Se nkomplu nsaħħu u nibnu konnessjonijiet aktar reżiljenti mad-dinja permezz tal-**Global Gateway**¹² tagħna billi napplikaw l-**approċċ tagħna ta' Tim Ewropa**. Qed nimplimentaw strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni settorjali inklużi l-istrateġija dwar l-impenn internazzjonali fl-enerġija¹³, il-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-governanza internazzjonali tal-oċeani¹⁴, l-istrateġija spazjali għas-sigurtà u d-difiża¹⁵, l-aġġornament tal-istrateġija tal-UE dwar is-sigurtà marittima¹⁶, il-Komunikazzjoni Konġunta dwar sħubija mal-Golf¹⁷ u l-aġenda l-ġdida għall-Amerika Latina u għall-Karibew¹⁸.

Se nkomplu naħdmu mal-Balkani tal-Punent, flimkien mal-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia, bil-ħsieb tal-adeżjoni futura tagħhom mal-Unjoni. Se nżommu wkoll l-appoġġ tagħna għas-Sħubija tal-Lvant u l-Viċinat tan-Nofsinhar.

L-Unjoni se tkompli taħdem fuq il-bini ta' sħubiji ma' pajjiżi u organizzazzjonijiet madwar id-dinja. B'mod partikolari, jeħtieġ li nkomplu bl-isforzi tagħna biex **insaħħu s-sħubija tagħna ta' benefiċċju reċiproku mal-Afrika**, u se niżviluppaw aktar l-approċċ strateġiku tagħna biex immexxuha 'l quddiem mal-Unjoni Afrikana fis-Summit li jmiss bejn l-UE u l-UA.

L-istrateġija industrijali tad-difiża Ewropea se tagħti spinta ulterjuri lill-iżvilupp ta' kapaċitajiet tad-difiża tal-Istati Membri, mirfuda minn bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea moderna u reżiljenti. F'dan il-qafas, se nkomplu nikkonsolidaw l-azzjonijiet għall-kontinwazzjoni tat-tisħiħ tal-baży industrijali tad-difiża Ewropea wara l-2025. Fl-2024, se nkomplu wkoll bl-isforzi biex nimplimentaw il-**Boxxla Strateġika**¹⁹ biex insaħħu l-istat ta' tħejjija tagħna fir-rigward tad-difiża u nagħmlu l-UE fornitur tas-sigurtà aktar b'saħħtu u aktar kapaċi. L-UE se tkompli tiżviluppa s-sett ta' għodod biex **tiġġieled kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin**, biex tindirizza b'mod effettiv azzjonijiet malizzjużi minn barra.

Se nkomplu niddefendu u nipromwovu **d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-multilateraliżmu** effettiv. Se nkomplu bl-isforzi tagħna biex nipproteġu t-tfal

⁹ COM(2022) 349.

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2023/1525 tal-20 ta' Lulju 2023.

¹¹ https://www.nato.int/cps/en/natohq/official_texts_210549.htm

¹² JOIN(2021) 30

¹³ JOIN(2022) 23

¹⁴ JOIN(2022) 28

¹⁵ JOIN(2023) 9

¹⁶ JOIN(2023) 8

¹⁷ JOIN(2022) 13

¹⁸ JOIN(2023)17.

¹⁹ https://www.eeas.europa.eu/eeas/strategic-compass-security-and-defence-1_en

affettwati mill-konflitt armat, b'mod partikolari permezz tal-preżentazzjoni tal-linji gwida riveduti tal-UE. Is-solidarjetà tal-UE kemm permezz tal-ghajjnuna umanitarja kif ukoll il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili se tkompli tagħti r-riżultati. Se nimpjenaw ruħna b'mod kostruttiv mas-sħab kollha u nkomplu nappoġġaw l-aġenda ta' riforma tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, inkluż fit-tnejniet għas-Summit tal-Futur f'Settembru 2024.

Bħala mexxej globali u entità li tistabbilixxi l-istandards, jeħtieġ li naċċelleraw **aġenda kummerċjali miftuħa u ġusta** mmirata lejn il-kompetittività, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà. Se nkomplu bil-ħidma tagħna biex intejbu l-kooperazzjoni u r-relazzjonijiet kummerċjali mas-sħab, u se nixprunaw l-isforzi globali għar-riforma tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. L-istrateġija kummerċjali rieżaminata tal-UE tippromwovi politika miftuħa, sostenibbli u assertiva, li tappoġġa t-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

Ikkonkludejna b'suċċess in-negozjati dwar ftehimiet kummerċjali maċ-Ċili, in-New Zealand u l-Kenja. Qed infittxu wkoll **niffinalizzaw ftehimiet mal-Awstralja, il-Messiku u l-Mercosur.** Il-Kummissjoni se tkompli wkoll **tmexxi 'l quddiem negozjati mal-Indja u mal-Indoneżja, kif ukoll il-ftehimiet kummerċjali diġitali ma' Singapore u r-Repubblika tal-Korea.** Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti ssaħħew ukoll permezz tal-ħidma tagħna fil-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija. Ispirat minn dan, din is-sena tnieda **Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Indja.** Fl-istess ħin, saħħaħna l-għodod tagħna kontra l-prattiki kummerċjali inġusti, u se naġixxu biex niżguraw li l-kompetizzjoni globali tibqa' ġusta. Għalhekk, il-Kummissjoni nediet **investigazzjoni antisussidji dwar vetturi elettriċi li ġejjin miċ-Ċina.**

3.5. Promozzjoni tal-istil ta' ħajja Ewropew tagħna

B'rispons għall-pandemija tal-COVID-19, il-Kummissjoni bdiet tqiegħed il-pedamenti għal Unjoni Ewropea tas-Saħħa. Dan jinkludi t-tisħiħ ta' **qafas għas-sigurtà tas-saħħa**, inkluża l-Awtorità għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' **Emerġenza tas-Saħħa** l-ġdida, kif ukoll il-Pjan Ewropew pijunier biex **Jingħeleb il-Kanċer** u proposti biex tinbena l-**Ispazju Ewropew tad-Data** dwar is-Saħħa u r-riforma tal-leġiżlazzjoni farmaċewtika. L-UE adottat ukoll l-**istrateġija tal-UE għas-saħħa globali**²⁰ l-ġdida biex tiggwida l-isforzi tagħha biex issaħħaħ il-kura tas-saħħa madwar id-dinja.

Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa l-ħidma kemm fuq il-fergħa leġiżlattiva kif ukoll dik operazzjonali tal-ġestjoni tal-migrazzjoni. Huwa essenzjali li l-koleġiżlaturi jiffinalizzaw il-**Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil**²¹ sa tmiem dan il-mandat leġiżlattiv. B'mod parallel, huwa indispensabbli li tkompli tittieħed azzjoni operazzjonali biex tippromwovi r-rispons kollettiv tal-UE għall-isfidi tal-migrazzjoni, f'kooperazzjoni mas-sħab ewlenin tagħna.

Il-Kummissjoni aġixxiet ukoll biex issaħħaħ l-erba' pilastri tal-**Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà**²²: l-indirizzar tal-vulnerabbiltajiet, l-awmentazzjoni taċ-ċibersigurtà, it-trawwim tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi u l-appoġġ għar-reżiljenza kontra t-theddud ibridu. Dan jinkludi inizjattivi biex ineħħu l-kontenut terroristiku online, isaħħu s-sigurtà

²⁰ COM(2022) 675.

²¹ COM(2020) 609

²² COM(2020) 605.

marittima tal-Unjoni, inkluż fil-kuntest tar-reżiljenza tal-infrastruttura kritika u l-protezzjoni ta' assijiet spazjali tal-Unjoni bħal satelliti u jiskoraġġixxu attivitajiet ostili fl-ispazju.

L-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika li jmiss u l-proposta għal **Att dwar is-Solidarjetà Ċibernetika** se jaqdu rwol ewlieni fit-tisħiħ taċ-ċibersigurtà, billi jagħtu spinta lis-sigurtà tal-katina tal-provvista u jsaħħu s-solidarjetà fil-livell tal-Unjoni biex jidentifikaw, iħejju u jirrispondu għal theddid u inċidenti taċ-ċibersigurtà.

Kif deskritt fis-sitt Rapport ta' Progress dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, huwa meħtieġ ukoll ftehim dwar proposti li **jtejbu s-sigurtà taċ-ċittadini tagħna** u fl-istess ħin jiġġieldu kontra l-kriminalità b'mod effettiv filwaqt li jirrispettaw il-valuri fundamentali kondiviżi tagħna. Dan jinkludi l-proposti dwar ir-reżiljenza ċibernetika, il-Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera, l-iskambju awtomatizzat tad-*data* għall-kooperazzjoni tal-pulizija (Prüm II), il-ġbir u t-trasferiment ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri, il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, l-irkupru u l-konfiska tal-assi, u d-definizzjoni ta' reati kriminali u pjeni.

Il-pjan ta' azzjoni dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi u l-kriminalità organizzata, inkluż l-alleanza tal-portijiet Ewropej, iwitti t-triq għal sforzi konġunti aktar effettivi fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-traffikar illegali tad-droga. Il-Kummissjoni se tipproponi wkoll biex jiġi aġġornat il-qafas legali għall-**ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti**, biex jiġi żgurat li jkollna l-ġhodod legali u operazzjonali neċessarji biex nirrispondu għall-*modus operandi* l-ġdid tal-faċilitaturi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se torganizza konferenza internazzjonali dwar il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni, filwaqt li tqis il-ħtieġa għal kooperazzjoni internazzjonali u alleanza globali b'saħħitha f'dan il-qasam.

Fl-edukazzjoni għolja, il-Kummissjoni se tipproponi pjan ta' azzjoni għal-**lawrja Ewropea konġunta** futura, li se tikkontribwixxi għall-kisba ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni. Se tkun appoġġat minn rakkomandazzjonijiet dwar il-garanzija ta' kwalità fl-edukazzjoni għolja u dwar karrieri akkademiċi attraenti.

3.6. Spinta ġdida għad-demokrazija Ewropea

Matul dan il-mandat, il-Kummissjoni tat importanza partikolari **lit-tisħiħ u r-rivitalizzazzjoni tad-demokrazija Ewropea tagħna**. Il-pjan ta' azzjoni għad-demokrazija Ewropea ġġwida l-ħidma tagħna bil-mira tiegħu li jagħti s-setgħa liċ-ċittadini u jibni demokraziji aktar reżiljenti madwar l-UE billi jippromwovi elezzjonijiet ħielsa u ġusti, isaħħaħ il-libertà tal-media, u jiġġieled kontra d-diżinformazzjoni. Il-**Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa** kienet eżerċizzju bla preċedent ta' demokrazija parteċipattiva u ppermettiet li nisimgħu l-fehmiet taċ-ċittadini minn madwar l-UE dwar il-futur tal-Unjoni tagħna. Permezz tal-**ġenerazzjoni l-ġdida ta' panels taċ-ċittadini** li ppilotajna għal tliet inizjattivi ewlenin fl-2023²³, u b'aktar inizjattivi s-sena d-dieħla, inkorporajna l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini saħansitra b'mod aktar konkret fis-sett ta' ġhodod tagħna għat-tfassil tal-politika. Saret enfasi partikolari fuq l-involviment mal-ġenerazzjoni żagħżuġha li għandha rwol kruċjali fit-tiswir tal-futur, b'terz tal-membri tal-panel li għandhom bejn is-16 u l-25 sena.

²³ Il-ħela ta' ikel, id-dinjiet virtwali u l-mobbiltà tal-apprendiment.

Skont l-impenji tal-Linji Gwida Poliċi tal-President von der Leyen, il-Kummissjoni għamlet segwitu tar-**rapporti leġislattivi fuq inizjattiva proprja tal-Parlament Ewropew**.

Prekundizzjoni għall-funzjonament demokratiku tal-UE u l-Istati Membri tagħha hija ġudikatura indipendenti u r-rispett għall-**istat tad-dritt**. Kemm iċ-ċiklu annwali tal-Istat tad-Dritt kif ukoll il-Mekkaniżmu ta' Kundizzjonalità jgħinu biex dan jiġi żgurat u jiġu ssalvagwardjati l-interessi finanzjarji tal-UE. Sar progress sinifikanti f'oqsma kruċjali oħra għas-soċjetajiet demokratiċi tagħna. Ippreżentajna proposti ewlenin dwar **it-trasparenza u l-ekwità tal-proċess elettorali u t-tisħiħ u s-salvagwardja tad-drittijiet** ta' gruppi differenti fis-soċjetà, u l-garanzija **tal-libertà u l-indipendenza tal-ġurnalisti** fl-UE. Inkomplu naħdmu fuq **il-bini tar-reżiljenza demokratika tagħna minn ġewwa u l-protezzjoni kontra influwenzi esterni mhux dovuti**. Għandna wkoll qafas legali sod għall-**kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera**, inkluż dwar il-proċedimenti tal-qorti u l-komunikazzjoni diġitali.

Soċjetà miftuħa u inklużiva jeħtieġ li tiggarrantixxi **drittijiet u protezzjoni** ugwali għall-gruppi kollha fis-soċjetà. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni adottat strateġiji dedikati dwar id-drittijiet tat-tfal, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-ġlieda kontra r-razziżmu, l-ugwaljanza tal-LGBTI, id-drittijiet ta' persuni b'diżabilità u d-drittijiet tal-vittmi. Miftiehem wara 10 snin ta' negozjati, id-**Direttiva dwar in-Nisa fuq il-Bordijiet** se tobbliga lill-kumpaniji jilhqqu miri ċari għal pożizzjonijiet ta' diretturi sa nofs l-2026. Din is-sena, adottajna regoli ġodda dwar it-trasparenza fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa, li jsaħħu l-applikazzjoni tal-prinċipju paga ugwali għal xogħol ugwali, passi importanti lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tnaqqis tad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri. Permezz tal-adeżjoni reċenti tal-Kunsill tal-Ewropa mal-**Konvenzjoni ta' Istanbul tal-2016 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika**, l-UE baġtet sinjal qawwi li hija determinata li tipprevjeni, tikkundanna u tiġġieled il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet fil-forom kollha tagħha.

Biex ikun hemm il-qafas it-tajjeb għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni se jkollha l-għan li tiffaċilita ftehimiet dwar **l-istatut u l-finanzjament tal-partiti poliċi Ewropej u t-trasparenza tar-reklamar politiku mmirat**. Flimkien mal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni nediet ukoll kampanja ta' komunikazzjoni bil-għan li jiżdied l-għadd ta' ċittadini mobbli tal-UE li jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-2024 tal-Parlament Ewropew.

Soċjetà ċivili li qed tistgħana u xenarju tal-media liberu u kritiku huma s-sinsla tas-soċjetà demokratika, u huwa meħtieġ ftehim rigward id-**Direttiva dwar kawżi strateġiċi kontra l-parteciċipazzjoni pubblika** (strategic lawsuit against public participation, SLAPP) u l-**att dwar il-libertà tal-media**.

Nappellaw ukoll lill-koleġislaturi jilhqqu ftehim rigward il-proposti għad-**Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika**, id-**Direttiva dwar id-drittijiet tal-vittmi**, l-**istandards proposti għall-korpi nazzjonali għall-ugwaljanza** u d-**Direttiva** li tistabbilixxi l-**kard Ewropew tad-Diżabilità** u s-sena li jmiss, se nadottaw **Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp u t-tisħiħ ta' sistemi għall-protezzjoni tat-tfal** fl-Istati Membri u se niżguraw użu aħjar tal-għodod eżistenti tal-UE (leġislazzjoni, miżuri ta' politika u finanzjament).

Billi l-ispazju tal-informazzjoni diġitali qed jinfluwenza dejjem aktar id-dibattitu pubbliku u t-teħid ta' deċiżjonijiet poliċi, huwa essenzjali li titkompla l-**ħidma fuq il-ġlieda tad-**

diżinformazzjoni biex jiġi żgurat skambju ta' opinjonijiet liberu u ġust, speċjalment qabel l-elezzjonijiet Ewropej.

4. Konklużjoni

Matul dawn l-aħħar erba' snin, **l-Unjoni wriet l-indiviżibbiltà u d-determinazzjoni tagħha biex tindirizza l-isfidi tal-ġenerazzjoni tagħna, għall-ġenerazzjonijiet ta' għada.** Aġixxejna flimkien biex nirrispondu b'mod deċiżiv b'appoġġ għal Ewropa ta' libertà, prosperità u paċi. Irridu nkomplu din il-ħidma u nistabbilixxu pedamenti sodi għat-**tisħiħ tal-Unjoni tagħna u t-tħejjija għall-futur.**

Il-Kummissjoni se taħdem sal-aħħar jum tal-mandat tagħha biex tindirizza l-isfidi komuni tagħna. Se nipprovdu **appoġġ qawwi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex niffaċilitaw il-ftehimiet** dwar il-proposti ewlenin li fadal, filwaqt li nippreżentaw **il-ftit inizzjattivi ġodda** li għadhom meħtieġa **biex inwasslu l-wegħdiet tagħna u nħejju l-Unjoni għal għada.**

Ħarsa ġenerali dettaljata tal-ħidma ppjanata tal-Kummissjoni għall-2024 hija pprovduta fl-annessi ta' dan il-programm ta' ħidma.